



2023/2501

10.11.2023

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2501**

**tad-9 ta' Novembru 2023**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Skont l-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2016/44, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-lista ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li tinsab fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jitħassru l-entrati għal żewġ persuni u entità waħda, u jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet l-oħra kollha fil-listi li jinsabu fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni ta' identifikazzjoni għal persuna waħda.
- (4) Għalhekk ir-Regolament (UE) 2016/44 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. CALVIÑO SANTAMARÍA

<sup>(1)</sup> ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

Ir-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Anness III (“Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)”), il-Parti A (“Persuni”) hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata 8 dwar HOUEJ, Mohamad Ali hija sostitwita b’dan li ġej:

|     |                    |  |  |             |
|-----|--------------------|--|--|-------------|
| “8. | HOUEJ, Mohamad Ali | Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ fil-Gvern ta’ Għaqda Nazzjonali tal-Libja<br>Data tat-twelid: 1949<br>Post tat-twelid: Al-Azizia (qrib Tripoli) | Ministru għall-Industrija, l-Ekonomija u l-Kummerċ fil-Gvern tal-Kurunell Qadhafi.<br>Assoċjat mill-qrib mal-ex reġim ta’ Muammar Qadhafi. | 21.3.2011”; |
|-----|--------------------|--|--|-------------|

(b) l-entrata 12 dwar MANSOUR, Abdallah hija mħassra;

(c) l-entrata 14 dwar QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed hija mħassra;

(2) fl-Anness III (“Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)”), il-Parti B (“Entitajiet”), l-entrata 16 dwar Baroque Investments Limited hija mħassra.

\_\_\_\_\_